# EŻAMIJIET ANNWALI TA’ L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:** ____________________________ **Klassi:** ___________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

**GĦALL-UŻU TA’ L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA’ MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F (1) | F (2) | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 6 | 6 | 6 | 12 | 20 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

**It-tfal u l-logħob**



Fl-antik, it-tfal ma kinux jixtru ġugarelli iżda kienu jaħdmu l-ġugarelli tagħhom, bħal trakkijiet ta' l-injam, *scooters* ta' l-injam bil-borrejs bħala roti, u xwabel u kpiepel maħduma mill-injam tal-kaxxi jew biċċiet tal-landa li t-tfal kienu jiddubbaw mingħand tal-ħwienet. Kont tieħu gost tara l-oriġinalita` f'dawn il-ġugarelli. L-affarijiet li għall-kbar kienu skart, għat-tfal kienu tajbin biżżejjed biex bihom joħolqu ġugarell! *(par .1)*

Diżgrazzjatament it-tfal Maltin u Għawdxin ma tilfux biss din l-inizjattiva` u l-oriġinalita` fil-ġugarelli, iżda wkoll dak il-logħob li nsejħulu logħob folkloristiku. Sa ftit snin ilu, fit-toroq tagħna (l-aktar meta ma tantx kont tara karozzi!) kont tinnota gruppi ta' tfal subien miġbura flimkien jilagħbu l-boċċi. Il-bniet kellhom imbagħad il-logħba taż-żibeġ. *(par. 2)*

Imbagħad kellna dak il-logħob li kien jintlagħab minn grupp ta' tfal. Forsi l-aktar logħba popolari hija dik imsejħa Mistoħbija jew kif inhi magħrufa llum, in-Noli. Din il-logħba hija popolari madwar id-dinja kollha u sa ftit snin ilu kienet ferm komuni fit-toroq u l-għelieqi tal-gżira tagħna. Jieħdu sehem fiha ħafna tfal u wieħed joqgħod biha sabiex jaqbad lil sħabu. Ma' din il-logħba nżidu logħob ieħor bħal, "Pulizija u Ħallelin", "Ħarba", "Ara ġejja l-mewt għalik", "Iż-Żunżana ddur iddur" u tant oħrajn. *(par. 3)*

Illum spiċċat għal kollox il-kreattivita` fil-logħob tat-tfal. Il-kompjuter, il-*playstation* u l-*video games* warrbu għal kollox dawk il-ġugarelli u l-logħob folkloristiku li jagħmilna tfal Maltin u Għawdxin. Il-logħob bil-*video games* qiegħed jiġġenera ħafna flus fid-dinja, u kull sena n-nies tonfoq madwar 15-il miljun dollaru Amerikan! *(par. 4)*

Il-logħob tal-lum, bla ma tinduna, jaqtgħek mill-kumplament tad-dinja. Tħossok komdu li tixgħel is-swiċċ u tintefa' quddiem *monitor* tilgħab logħba wara l-oħra. Huwa logħob li inti tista' tilgħab waħdek u għalhekk ma jgħinekx biex taqsam il-ħin tal-logħob flimkien ma' sħabek. U tinsa li qiegħed tilgħab ma' magna u mhux ma' bniedem! *(par. 5)*

(Addattament minn artiklu li deher fis-suppliment *Xehda Għasel* Mejju-Ġunju 2002)

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

1. Semmi żewġ ġugarelli li kienu jagħmlu t-tfal fl-antik. *(par. 1)*

   ______________________________ (2)

2. Minn xiex kienu joħolqu ġugarell it-tfal? *(par. 1)*

   ______________________________ (1)

3. Semmi logħba li kienu jilagħbu s-subien u oħra li kienu jilagħbu l-bniet. *(par. 2)*

   ______________________________

   ______________________________ (2)

4. Liema kienet l-aktar logħba komuni fit-toroq tagħna, u min kien jieħu sehem fiha? *(par. 3)*

   ______________________________ (1)

5. X'ħa post il-ġugarelli u l-logħob folkloristiku tagħna? *(par. 4)*

   ______________________________ (1)

6. Għaliex il-logħob tal-lum jista' jaqtgħek mill-kumplament tad-dinja? *(par. 5)*

   ______________________________ (1)

7. Inti tippreferi tilgħab ma' sħabek jew waħdek? Għaliex?

   ______________________________

   ______________________________ (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (20 marka)

(i) **ANALIŻI TESTWALI**

a) *Bħal trakk**ijiet** ta' l-injam*. X'jurina s-suffiss ***ijiet*** fil-kelma trakk**ijiet**?

______________________________ (1)

b) Mit-tielet paragrafu ikteb l-espressjoni li tfisser ***popolari ħafna***.

______________________________ (1)

ċ) *Jagħmil**na** tfal Maltin u Għawdxin. (par. 4)* Għal min qiegħed jirreferi l-pronom **na** fil-kelma jagħmil**na**?

______________________________ (1)

(ii) **LESSIKU /VOKABULARJU**

Mis-silta sib kliem li jfisser l-istess bħal:

a) imgħoddi *(par. 1)* ____________________

b) tara *(par. 2)* ____________________

ċ) komuni *(par.3)* ____________________

d) ħbiebek *(par. 4)* ____________________ (4 marki)

(iii) **SINTASSI/SENTENZI**

1. Ikteb is-sentenzi mod ieħor mingħajr ma tibdel is-sens.
Din il-logħba hija popolari madwar id-dinja kollha u sa ftit snin ilu kienet ferm komuni fit-toroq u l-għelieqi tal-gżira tagħna.

Sa ftit snin ilu, din il-logħba ______________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

2. Il-logħob tal-lum, bla ma tinduna, jaqtgħek mill-kumplament tad-dinja.

Bla ma tinduna ______________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

(iv) **GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Qabbel il-kelma mal-kaxxa addattata billi timmarka (x) (3)

| KELMA | PLURAL SĦIĦ | GĦADD IMTENNI | PLURAL MIKSUR |
|---|---|---|---|
| a. tarġiet | | | |
| b. żwiemel | | | |
| ċ. darbtejn | | | |

2. a) Agħmel sing taħt il-kelma li fiha l-vokali tal-leħen **i.**
l-iskola, l-interess, l-importanza. (1)

b) Agħmel sing taħt il-kliem li qegħdin fil-Maskil
poeta, futur, aħbar, logħba. (2)

3. Sib l-aġġettiv li jaqbel man-nom u qiegħdu fit-tielet kolonna. (2)

| NOM | AĠĠETTIV | TWEĠIBA |
|---|---|---|
| a. nies | twajba, twajjeb | |
| b. sema | safi, safja | |

4. Imla l-vojt b'nom imnissel mill-kliem tal-ġenb. (3)

| SENTENZA | KELMA |
|---|---|
| a. Il- ____________________tal-lum huwa differenti minn ta' dari. | logħba |
| b. It-tfal kienu jużaw affarijiet li għall-kbar kienu____________________. | skarta |
| ċ. Illum spiċċat għal kollox il-____________________ fil-logħob tat-tfal. | tikkrea |

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (6 marki)

Imla l-vojt biex tifforma l-Qawl jew l-Idjoma:

1. Alla jagħlaq _______________u jiftaħ mija.
2. Għin ruħek biex ______________ jgħinek.
3. Min jorqod bil-________________ joħlom bil-ftajjar.
4. Min jistenna _________________. .
5. Min jgħix bit- _________________ jmut bil-piena.
6. Fis-siegħa u l-_________________.

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

Imla l-vojt bi kliem xieraq biex tagħti sens lil dan id-djalogu:

Marija: Int jogħġbok xejn il-kompjuter?

Toni: U ngħid jogħġobnix daqs_____________________________.

Marija: Għalxiex l-aktar li tużah?

Toni: Biex nilgħab u biex nagħmel ______________________________.

Marija: Min jaf it-tfal fl-antik x'kienu jilagħbu?

Toni: Kellhom ħafna logħob bħal _____________ u ________________.

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI - FOLKLOR (6 marki)

Ikteb madwar 30 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn is-suġġetti.

1. Il-Festi Maltin
2. Is-Snajja' Popolari
3. Il-Logħob Folkloristiku Malti

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## F. (i) LETTERATURA - POEŻIJA – NADRIET (12-il marka)

Aqra din is-silta minn **Ritratt ta' Toninu man-Nanna** ta' Anastasju Cuschieri u wieġeb

Hi wiċċha bin-nemex
Għajnejha miksura,
Ftit safra u magħdura
Bil-mard u bil-hemm.
Toninu bħal xitla
Li għadha kemm titla',
Toninu bħal warda
Li fetħet bil-kemm.

1) In-nanna għandha għajnejha ____________________ (1)

2) Għaliex in-nanna kienet safra u magħdura?

_____________________________________________________ (1)

3) Il-poeta jqabbel lil Toninu ma' żewġ affarijiet. X'inhuma?

_____________________________________________________ (2)

4) Il-poeżiji *San Franġisk u l-Gamiem* ta' Ġuże` Delia u *L-Għasfur* ta' Ninu Cremona jitkellmu dwar il-ferħ li jagħtuna dawn il-ħlejjaq. F'madwar erba' linji ikteb dwar waħda minn dawn il-poeżiji.

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________ (3)

5. Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista tat-taqsima **Aktar Nadriet Poetiċi** u ikteb il-ħsieb tagħha. *Distanza* ta' Tarċisio Zarb, *Il-Ħerża* ta' Marjanu Vella, *Tristis Est Anima Mea* ta' Rużar Briffa, *Dik Mewġa* ta' Anastasju Cuschieri, *Xmara Ħamra*, *Bruka Xiħa* ta' Victor Fenech, *Raħal Twelidi* ta' Karmenu Vassallo, *Il-Kebbies tal-Fanali* ta' Anton Buttiġieġ, *Xita* ta' Mary Meylak.

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________ (5)

## F. (ii) LETTERATURA – PROŻA (20 marka)

a) **Fra Martin u Novelli Oħra** ta' Ġuże` Chetcuti

1) Fra Martin kien jilbes__________________ magħfus ma' riġlejh. (1)

2) Fl-istorja *Il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann* naqraw dwar l-oġġetti li kienu jintużaw għal din il-ħuġġieġa. Semmi wieħed minnhom.

__________________________ (1)

3) Fl-istorja *Sparar u Duħħan*, l-awtur jgħid li l-mijiet tal-liri li jintefqu fid-duħħan u l-isparar jista' jsir użu aħjar minnhom. Jistgħu jingħataw lill-__________________. (1)

b) **Stejjer Minn Tarf ir-Raħal** ta' Ġorġ Borg

1) Fl-istorja *Is-Santa taċ-Ċikwejra*, Ruben, għalkemm kien agħma, ried is-santa hu. Qal li għalkemm ma jarahiex ____________________________________________________ (1)

2) Liema ħaddiema l-iktar li kienu jużaw in-niżla tal-ganċ fl-istorja *In-Niżla tal-Ganċ*?

________________________________________________________________________ (1)

3) Fl-istorja *Il-Ħamiem tal-Barumbara*, it-tifel tal-bidwi kien jiggosta l-ħamiem u

________________________________________________________________________ (1)

ċ) **Stejjer tal-Linka** – Sedqa

1) Fil-kitba bl-isem *L-Istorja tal-Ħmar* in-nannu jgħidilhom li huma se jsiru sinjuri meta jiġi d-dubbien l-aħdar, meta jtir il-ħmar, jew meta jiġi s-summien? Ikteb ir-raġuni t-tajba.

________________________________________________________________________ (1)

2) Fl-istorja *Buzzy* naqraw li Buzzy tgħallem li permezz tax-__________________

________________________wieħed jikseb suċċess. (1)

3) Fis-silta *L-Iskola*, it-tifla ssemmi xi aspetti *koroħ* ta' l-iskola. Ikteb aspett minnhom.

________________________________________________________________________ (1)

4) X'kienet l-aktar ħaġa li kien jonqsu Jason fl-istorja *Jason Grima*?

________________________________________________________________________ (1)

5) Int taqbel mal-*parties* tat-tfal li qrajt dwarhom fl-istorja *Bil-ħarqa u bil-limousine*? Għaliex?_________________________________________________________________ (1)

6) Liema kienet l-akbar xewqa li kellu Sunny fl-istorja *Sunny*?

____________________________________________________________ (1)

d) **Meta Jaqa' ċ-Ċpar** ta' Trevor Żahra
Ikteb sentenza dwar kull wieħed minn dawn il-karattri. (8)

| | |
|---|---|
| **Helen** | |
| **John** | |
| **Marthese** | |
| **Pawlu** | |

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. Ikteb fuq karta separata.

1. Il-ħabib/a tal-qalb tiegħi.
2. Passiġġata fil-kampanja.
3. Kif inħobb inqatta' l-ħin liberu tiegħi.
4. Il-festa tar-raħal jew tal-belt fejn noqgħod.
5. Iddeskrivi d-dar fejn tgħix. Ikteb dwar dak li jogħġbok u dak li ma jogħġbokx fiha.